**26 ta' Gunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Paolo Mamo

*versus*

Maddalena Camilleri et.

**Serviġi — Amministrazzjoni — Mandat — Gratuwità — Prova — Art. 1963 tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-mandat hu bla ħlas, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju; għalhekk, sabiex tisp'ċċa din il-preżunzjoni ta' gratuwità, hemm bżonn ta' patt jew konvenzjoni kuntrarja, sija pure taċita, imma tali li minnha jidher li kien hemm l-intenzjoni tal-mandatarju li ma j'nkarigax ruħu mill-ġestjoni jekk mhux bil-ħlas. U jekk il-partijiet ma jgħidu xejn allura s-silenzju tagħhom jistabbilixxi l-preżunzjoni tal-gratuwità li hi fil-liġi. U l-prova tan-non-gratuwità tinkombi lil min jallegaha.*

*Għaldaqstant, it-talba ta' amministratur, li jitlob ħlas għal amministrazzjoni li hu żamm għal diversi snin mingħajr ebda patt ta' ħlas, u mingħajr ma jkun hemm ċirkustanzi li juru li hu amministra bil-ħsieb li jitħallas, ma tistax isseħħ.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi għal perijodu ta' snin irrenda serviġi lil Giuseppa armla Agius u lil Maria Agius, il-lum mejtin, omm u oħt il-konvenuta Maddalena Camilleri, kif irrenda wkoll xi serviġi u għamel "de proprio" xi spejjeż fl-interess tal-konvenuta Maddalena Camilleri meta kienet għadha xebba; u peress li din l-aħħar irrifjutat li tiġi għall-likwidazzjoni bonarja tal-kumpens dovut lill-attur għas-serviġi minnu magħmula; premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab (1) li jiġi dikjarat u deċiż li l-attur irrenda serviġi u ħareġ flus fl-interess tal-fuq imsemmija Maddalena Camilleri, Giuseppa u Maria Agius, it-tnejn tal-aħħar kif rappreżentati; (2) jiġu likwidati l-kumpensi dovuti lill-attur għal dawn is-serviġi, jekk hemm bżonn anki per mezz ta' periti nominandi; (3) il-

konvenuti proprio et nomine jiġu kundannati jħallsu kull wieħed jew waħda minnhom, lill-attur, dawk il-kumpensi li jiġu hekk likwidati. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta li d-domandi tal-attur jisthoqqilhom jiġu miċħuda; in kwantu diretti kontra l-eredità ġjaċenti ta' Giuseppa armla Mifsud, peress li mill-istess depożizzjonijiet tal-attur ma rriżultax li hu qatt irrendielha jew ippretenda li rrendielha xi serviġi; u in kwantu diretti kontra l-konvenuta Maddalena Camilleri (u in subordine kontra żewġha) u kontra l-eredità ġjaċenti ta' oħtha Maria Agius, peress li fil-mument tar-rendiment tas-serviġi pretiżi kien jeżula fl-attur kull ħsieb u idea li jitħallas għalihom, kif ukoll għan-nefqiet żgħar li hu għamel;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat ir-riżultanzi proċesswali u reġgħet semgħet bil-ġurament lill-attur u lill-konvenuta Maddalena Camilleri u lix-xhieda l-oħra, u wara li rat id-dokument fol. 87, taqbel mal-konklużjoni tal-perit u tagħmel tagħha r-raġunamenti li fuqhom tinsab bażata;

Illi, oltre dan, mhux ta' min jinjora ċ-ċirkustanza fondamentali li l-attur poġġa bħala bażi tal-kawża l-fatt li huwa kien l-amministratur tal-familja Agius, jiġifieri tal-konvenuti kollha barra Emmanuele Camilleri, u dam jieħu ħsieb din l-amministrazzjoni sas-sena 1954 (fol. 3). Issa, skond l-art. 1963 (Kod. Ċiv.), "il-mandat hu bla ħlas, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju"; u dan għaliex, bħala regola, si tratta ta' uffiċċju bażat fuq l-amiċizzja, u, kif jgħid il-ġurekonsult Paolo, "originem ex officio et amicitia trahit" (L. 1. §4D. Mandati). Għalhekk, sabiex tispiċċa din il-preżunzjoni ta' gratuwità, hemm bżonn ta' patt jew konvenzjoni kuntrarja, sija pure taċita, imma tali li minn-

ha tidher, kif josserva Laurent, "l'intenzione del mandatario di non incaricarsi della gestione che mediante salario"; jew, fi kliem ieħor, "bisogna che non si possa supporre che il mandatario abbia consentito di prestare gratuitamente le sue cure" (Diritto Civile, Vol. XXVII, §§341 u 3466). Jekk il-partijiet ma jgħidu xejn, allura, kif josserva Borsari, "il silenzio delle parti stabilisce la presunzione di gratuità che è nella legge, presunzione che non cede ad argomenti contrari" (Codice Civile Italiano Commentato, art. 1739);

Illi, għalhekk, il-prova ta' non-gratuwità tal-mandat tinkombi ndubbjament lill-attur; u dan mhux biss in forza tar-regola elementari li "probatio incumbit ei qui dicit, non ei qui negat", iżda wkoll għaliex si tratta ta' deroga għaddritt komuni (Laurent, op. it., §346), u għaliex si tratta li tiġi mwaqqa' l-preżunzjoni ta' gratuwità stabbilita minn liġi espressa; u din il-prova ma saretx;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

*Omissis;*

Tiċħad id-domandi tal-attur, bl-ispejjeż barra dawk tar-rikors tas-6 ta' Ġunju 1959, li għandhom jibqgħu għall-konvenuti.